# IL-QIMA LEJN SANTA KATERINA, V. u M. fir-Rabat ta' Għawdex

mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap

**Il-Qima Bikrija Lejn Santa Katerina fil-Gżejjer ta' Malta u Għawdex**

Il-qima lejn Santa Katerina diġà kienet teżisti sewwa fl-1436 meta tnax-il "Cappelle" jew żewġ parroċċi msemmija fil-"Quinterniolus pro concordia taxarum" magħmulin f'dik is-sena b'armar ta' l-Isqof Senatore de Mello kienu meqjuma lilha. Dawn kienu dawk taż-Żurrieq u taż-Żejtun gruppi ta' rħula. L-art madwar il-knisja taż-Żejtun kienet parti mil-prebenda tal-Kantur tal-Kapitlu tal-Katidral u kienet magħrufa bħala l-"praebende Sanctae Catherinae". Fl-aħħar żminijiet medjevali l-ikonografija tal-qaddisa turi tixrid u saħħa fil-kult.

F'nofs is-seklu sittax, Katerina ta' Alessandria kient waħda mill-qaddisin importanti ta' Malta. Fis-sena 1575 id-Delegat Apostoliku u Inkiżitur Mgr Pietru Dusina invista 414-il knisja mxerrdin ma' Malta u Għawdex. Lil Santa Katerina għaddewha biss fil-knejjes dawk tal-Madonna u ta' San Nikola. Santa Katerina kellha 16-il kappella inklużi taż-Żejtun u taż-Żurrieq (1).

**Fil-Knisja Katidrali**

Il-Qaddisa Verġni u Martri ta' Lixandra sabet ukoll qima bikrija fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Hekk naqraw dwar dan li "Fl-aħħar, fis-7 ta' Jannar tas-sena 1543 tissemma 'l-Kappella' jew 'Bażilika' dedikata lil Santa Katerina li kienet għadha kemm inbniet mill-Manjifiku Ġanni Castelletti ma' ġenb il-knisja l-kbira tal-belt u l-Gżira ta' Għawdex. Hekk nistgħu ngħidu li nafu b'din il-knisja Matriċi ta' Għawdex kellha maħsuba għaliha, qabel ma ġew it-Torok fis-sena 1551, ta' l-anqas erba' kappelli b'kollox – dan biss sa fejn nafu aħna – jiġifieri dawk tal-familja Navarra, iddedikata lill-Madonna ta' Loretu, dik tal-familja ta' Pontremoli, dik ta' Monpalao, u l-aħħar waħda dik ta' Castelletti dedikata lil Santa Katerina.

Din li jinbnew kappelli magħquda jew imissu ma' xi knisja oħra fis-snin li qed insemmu ma kinitx xi ħaġa li ġrat biss madwar din il-Matrici ta' Għawdex. Kien hemm f'din l-istess Gżira u fir-Rabat innifsu knisja oħra parrokkjali li kellha kappella oħra dedikata lil Santa Katerina tmiss magħha" (2). "Kienet mibnija minn Giovanni Castelletta li waqqaf fondazzjoni fil-ġimgħa 'in perpetuum' ta' żewġ quddisiet, it-Tnejn u l-Ġimgħa, għal maħfra tad-dnubiet tiegħu u ta' martu u ta' missirijietu u ta' dawk li jiġu minnhom. Kellhom jiġu ċelebrati mill-qassisin Leonardus Dallo u Katalus de Rigio u wara mewthom minn żewġ qassisin oħra. Din il-Kappella ġiet mibnija ħdejn "Apud Majorem Ecclesiam" biex turi li kienet indipendenti magħquda mal-knisja bieb minn ġewwa. Dan it-tip ta' kappelli ħdejn xulxin kien komuni fil-knejjes Maltin tas-seklu sittax. Din il-kappella probabli kienet imħarbta fl-1551 minn Sinam Baxa meta ħabat għal Għawdex u ħarbtu u ħafna Għawdxin ġew meħuda fil-jasar. Setgħet ġiet kollha mħarbta għax fl-1575 il-kappella ta' Santa Katerina kienet "a parte sisnisra altaris majoris" jew fuq ix-xellug ta' l-altar maġġur ġewwa l-knisja ta' l-Assunzzjoni. Kellha dħul fis-sena ta' 20 tari minn biċċa għalqa f'Marsalforn u r-rettur tagħha kien Nicola Giovanni Castelletti. Fiha kienet issir quddiesa kull ħmistax u fil-festa ta' Santa Katerina. Fis-sena 1598 kien iddeskriviha bħala "Cappella sine altare" – kappella mingħajr altar. Antonio Attard ġie mitlub biex jagħti r-rendikont tal-pisijiet u l-fundazzjonijiet. Wieġeb li kienet magħrufa bħala

l-kappella ta' Castelletta u li jieħu ħsiebha huwa, Giovanni Francesco Castelletta li għex fl-Imdina. Wiritha minn ħuħ Nicola Giovanni u gawda l-interessi ta' 20 tari minn art f'Marsalforn. Kienet amministrata mill-qassis Don Pino Pontremoli li ma jssodisfax l-obbligi għaliex skond it-testment ta' ħuħ Don Angelo (li wiegħed li jagħmiha għall-bżonnijiet tiegħu) kien barra mill-Gżira" (3).

**Fil-Bażilika-Kolleġġjata ta' San Ġorġ**

Qabel ma nbniet il-Bażilika tal-lum (1672-1678) kien hemm kappella meqjuma lil Santa Katerina. "Fit-testment ta' Lauroencius Bonanno tat-12 ta' Novembru, 1539, insibu lil Don Laurentius Laezo u s-suċċessuri tiegħu ntrabtu li għal dejjem jagħmlu quddiesa kull nhar ta' Sibt fil-Knisja ta' Santa Katerina magħquda mal-Knisja ta' San Ġorġ tar-Rabat ta' Għawdex bħala tifħir lil Santa Katerina (4).

Dwar l-altar ta' Santa Katerina fil-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ naqraw: "Ir-raba' wieħed iġib l-isem ta' Santa Katerina u hu miżmum mill-Massara. F'dan l-altar ġew poġġuti l-piżijiet li kien hemm fuq il-kappella ta' l-istess qaddisa li kienet tinsab fiz-zuntier tar-Rabat". Dan it-tagħrif insibuh fl-Atti tan-Nutar Tumas Debono, 11 ta' Settembru, 1647 (5).

Il-Kappella ta' Santa Katerina ġiet imsemmija wkoll fir-rapport tal-Visita tas-sena 1598 meta kellha altar b'tarġa tal-ġebel, tazza, terħa, żewġ gandlieri ta' l-injam, purtiera u pittura ta' Santa Katerina (6).



*L-Artal ta' Santa Katarina fil-bażilka ta' S. Ġorġ gewwa Victoria.*

**Il-Kwadru Prezenti ta' Santa Katerina fil-Bażilika**

"L-ewwel artal fuq il-lemin ta' min jidħol mill-bieb il-kbir tal-Bażilika, huwa dedikat lill-egħrusija ta' Santa Katerina ta' Lixandra mal-Bambin Ġesù, li qiegħed f'ħoġor il-Madonna. Ġesù jidher qiegħed jagħti ċ-ċurkett lill-Qaddisa. L-ideja ta' dan il-kwadru, ix-xbiha prinċipali, mdawrin minn ħames anġli u żewġ puttini tagħti lemħa sewwa lil Santa Katerina ta' Mattia Preti titular tal-Kappella tal-Kavallieri Taljani fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Biss filwaqt li f'Ta' San Ġwann, Santa Katerina hija fuq il-lemin ta' min iħares, u tħares lejn in-nies, f'Ta' San Ġorġ, Santa Katerina tinsab fuq ix-xellug ta' min iħares, u mġennba. Fl-ilbies u fl-ilwien huma għal kollox differenti.

Il-Kwadru huwa xogħol imfaħħar sħiħ ta' Giuseppe D'Arena, imlaqqam ir-Ruman. Dan il-kwadru ta' Santa Katerina, li huwa meqjus bħala biċċa xogħol sabiħa tpitter għall-ħabta ta' l-1692, iż-żmien li fih ħadem hawn Malta D'Arena.

Fl-imgħoddi l-bdiewa kienu jieħdu ħsieb jagħmlu l-festa ta' Santa Katerina. Quddiem dan l-inkwadru kienet titqaddes quddiesa kull nhar ta' Erbgħa mill-benefikat "Ta' Rikudi" fl-inħawi tal-Kortin ta' Sannat imħolli minn Lorenzo Bonanno fl-Atti tan-Nutar Giovanni-Antonio Santorio tat-23. xi. 1549 lill-kappella f'ġieħ l-istess qaddisa li kient fiċ-Ċimiterju ta' San Ġorġ (fejn il-lum hemm l-Oratorju Don Bosco). Naqraw ukoll fiż-żjara pastorali tat-23. viii. 1545 li Toni de Nasis kien ħalla biex jitqaddsu f'din il-knisja f'ġieħ Santa Katerina, żewġ quddisiet fil-ġimgħa, u oħra kull ħmistax, ċertu Valezio Chantar (Ciantar) ħalla wkoll biex

isir l-għasar f'lejliet il-festa u quddiesa kantata f'nharha. L-artal ta' Santa Katerina huwa titlu ta' benefiċċju ta' wieħed nobbli Ricci. Fil-15. vii. 1739 ġiet milqugħa t-talba tal-kleru ta' San Ġorġ biex fit-30 ta' April ta' kull sena jum l-ottava ta' San Ġorġ jibda jingħad l-uffiċċju ta' Santa Katerina (7).

Mal-kwadru ta' Santa Katerina nsibu propettiva kollha skutura fil-ġebel stil barokk. L-artal li huwa ta' l-irħam kien ġie konsagrat mill-Isqof Fra Vincenzo Labini (1780–1807) fit-22 ta' April, 1785. Lil Mons. Tes. Francesco Portelli (1886–1970) kont nisimgħu jgħid li dari kienet issir novena qabel il-festa ta' Santa Katerina. Min qiegħed jikteb jiftakar meta kien abbati fil-Bażilika kienu jsir żewġ għosrien, lejliet u nhar il-festa ta' Santa Katarina u quddiesa kantata bil-ministri u l-paniġierku lill-qaddisa minn fuq il-pulptu. Il-kant fl-għosrien u fil-quddiesa kien isir "Falso Bordone". L-organista kien Dun Karm Hili li wara miet Monsinjur tal-Katidral ta' Għawdex. L-artal kien inkun armat sabiħ ħafna bir-relikwa ta' din il-qaddisa.

Taħt l-artal ta' Santa Katrina nsibu wkoll il-fdal qaddis ta'San Paċifiku. Ir-ras skeletru ta' dan il-qaddis tidher imżejna b'kuruna tal-granutell (8).

### Xogħol ta' Dekorazzjoni fil-Kappella ta' Santa Katerina

Ix-xogħol taz-zokklatura ta' l-irħam li huma bażi tal-kolonni tal-prospettiva ta' madwar il-kwadru ta' Santa Katerina kien beda fl-24 ta' Frar, 1969, u spiċċa fl-1 ta' Marzu ta' dik is-sena. Kien ħa ħsieb iġibhom mill-Italja s-Sur Pawlu Pace. Poġġihom il-bajjad Ġużeppi Gauci u l-ħaddiem tiegħu. Kienu saru fi żmien il-Prokuratur tal-Bażilika il-Mons. Anton Grech Vella (9).

F'Novembru tas-sena 1985, il-koppletta ta' din il-kappella ġiet imżejna b'erba' kwadri tal-mużajk (bħal ħames koppletti l-oħra), li juru xena mill-ħajja u l-martirju ta' Santa Katerina. Ix-xogħol f'din il-koppletta kien beda nhar it-Tnejn, it-18 ta' Novembru u spiċċa fl-20 ta' l-istess xahar. Il-mużajk kollu kien maħdum f'Milan. Benefattur insinji ta' din l-opra kollha tal-mużajk fil-kopletti huwa s-Sur Ġorġ Saliba mir-Rabat, Għawdex (10).

L-induratura fil-prospettiva ta' din il-kappella kienet saret mill-artista Għawdxi-Rabti Ġużeppi Sagona. Ix-xogħol ta' l-induratura kien beda nhar is-Sibt, il-25 ta' Ottubru, 1986, fejn kienet lesta nhar il-ġimgħa, il-21 ta' Novembru ta' dik is-sena. Kien ħallas l-induratura kollha tad-deheb ta' din il-prospettiva Dr Alexander Cachia Żammit, miż-Żejtun, Malta, illum Ambaxxatur Malti għall-Vatikan, devot kbir ta' Santa Katerina. Il-koppletta ta' din il-kappella kienet bdiet tiġi indurata f'Jannar 1989, mill-artista Għawdxi Ġużeppi Sagona. Ġabar il-flus għaliha l-Kan. Dun Nikol Vella Apap (11).

### Il-Kappella ta' Santa Katerina fiz-Zuntier ta' Santu Wistin

F'dan iz-zuntier irrid naħseb li l-insara ta' dari kienu jidfnu l-mejtin tagħhom il-għaliex it-tjubija tagħhom kellha tant qima kbira lejn dan iz-zuntier li, għalkemm hu żgħir, bniet fih daqqa ta' għaxar knejjes, ħaġa din li ma taraha mkien ieħor f'pajjiżna. Ir-raba' kappella li kien hemm f'dan iċ-ċimiterju kienet dik ta' Santa Katerina. Naqraw fil-Vista ta' l-1545 li jien semmejt kemm-il darba f'dan l-artikolu, li Toni de Nasis ħalla biex jitqaddsu fiha żewġ quddisiet fil-ġimgħa u oħra kull ħmistax (12).

### Santa Katerina tal-Qabbiesa

"Knisja ta' Santa Katerina hija magħrurfa f'Għawdex fl-1575 fin-naħa ta' "Cabeza" limiti tar-Rabat, li kienet bejn Kerċem u Santa Luċija. Kellha fondazzjoni mogħtija mis-Sur Salvatore Muscat, biex tiġi msewwija u tiġi ċelebrata l-festa b'quddiesa u jingħata ikel lill-foqra. Il-Knisja ġiet abbandunata għax ma kellhiex tiżjin u nieqsa mill-bibien ta' l-injam. Muscat ġie mwissi biex iħallas ħames skudi u li sa xahar jagħmel il-bibien. Jekk dan ma jagħmlux il-knisja kellha

tiġi profanata u l-fondazzjoni mgħoddija lill-knisja ta' l-Assunta fil-Kastel (Visitatio Dusina 232) (13).

"Dwar din il-knisja li wara t-tieni profanazzjoni tagħha fl-1657 saret tifforma parti mill-10 kanonikati fl-1678, kienet ġiet profanata wkoll minn Dusina fl-1575 ... Eccl. a caret pora lignea, et ornamentis. q. porta lignea per eund. Salvum D. nus. mandavit fieri intra mensem sub poena quicque scutor, et interim persolv. obligatione in Eccl. Paroli.' (14).

Għalkemm dejjem inqas minn Malta Santa Katerina l-Martri ta' Lixandra sabet ukoll qima bikrija mill-Għawdxin tal-qedem fil-qalba tar-Rabat li minn dejjem kien iċ-ċentru tal-ħajja fil-Gżira Għawdxija.

## REFERENZI


1. Seraphim M. Zarb, Mario Buhagiar. St Catherine of Alexandria. Her Churches, Paintings and Stautes In the Maltese Islands. pp. 62, 63.
2. G. Wettinger. 350 Sena Kolleġġjata, etc. 1623-1973. Il-Ġrajja Bikrija tal-Matrici ta' Għawdex 1435-1551. p.22.
3. Seraphim M. Zarb, Mario Buhagiar. St Catherine Of Alexandria, etc. pp. 186, 187.
4. G. Wettinger. 350 Sena Kolleġġjata, etc. p.22
5. Mons. Dun Ġużepp Farruġia. Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu. It-Tieni Ktieb, p.49.
6. Seraphim M. Zarb, Mario Buhagiar. St Catherine of Alexandria, etc. p.188.
7. John Bezzina, Il-Pittura fil-Bazilika ta' San Ġorġ. pp. 7,8
8. Kan. Dun Nikol Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol. III pp. 77, 112.
9. Kan. Cun nikol Vella Apap. "Kronaka". Ms Vol. 2, p.6
10. L-Istess. Kronaka. Ms. Vol. 15. pp. 63, 65.
11. L-Istess. Kronaka. Ms. Vol 17. pp.71, 134. Vol. 20 p.274.
12. Mons. Dun Ġużepp Farrugia. Għawdex Bil-Ġrajja Tiegħu. It-Tieni Ktieb. p. 116.
13. Seraphim M. Zarb, Mario Buhagiar. St Catherine of Alexandria, etc., pp. 185, 186.
14. San Ġorg. Tagħrif Storiku Dwar l-Insinji Bażilika Proto-Parrokkjali ta' San Ġorġ, Għawdex. Vol. II. Novembru 1973. p. 3.



4 JAYS

***UNISEX BOUTIQUE — HATS FOR HIRE***

**Prop. J. Agius**

74a Our Lady of Mercy Street, Żejtun

**Tel: 675853**